Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 222 / 2014**

Il-Pulizija

vs

**Stephen Spiteri**

Illum, 21 ta' Frar 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Spiteri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 75186 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Gunju 2013 sa Novembru, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Sharon Spiteri u/jew lil uliedu s-somma iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338 (z) u 18 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-istess imputat Stephen Spiteri hati skont l-akkuzi dettoti kontra tieghu u kkundannatu piena ta' xahrejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti Stephen Spiteri minnu pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

i) Jew thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti tal-Magi strati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Vella sabet lill-appellant hati ta' l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u fejn ikkundannatu xaharejn prigunerija, u

ii) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kellha tinstab htija, allura tirriforma l-istesss sentenza tas-26 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. A. Vella billi fil-waqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet htija, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie ikkundannat xahrejn prigunerija effetiva u konsegwentement timponi piena iktar mita u idonja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

L-ewwel aggravju - Kopja fotostatika.

Illi l-prosekuzzjoni ppresentat kopja fotostatika tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti. Din mhix l-aqwa prova stante li din kellha tkun kopja awtentikata min-nutar li ppubblikah. Fil-fatt il-gurisprudenza nostrali hija kostanti fis-sens illi element essenzjali biex tinstab htija ta' din il-kontravenzjoni hija li ma jigix ippresentat semplici kopja fotostatika ta' xi digriet jew sentenza izda din trid tkun legali. Sta ghall-prosekuzzjoni li ggib din il-prova. F' dan is-sens l-esponent inter alia jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Cutajar[1]. F' din is-sentenza nsibu hekk:

"Ordni ghall-hlas fa' manteniment kontenut f' digriet moghti skond il-proviso tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 470 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ... jibqa' validu, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, irrispettivament minn jekk ic-citazzjoni quddiem il- Prim ' Awla gietx intavolata o

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fit-2 ta' Settembru 1999

meno, kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li dak id-digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond ' Awla jew mill-Prim ' Awla, u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' qorti ohra kompetenti li dak id-digriet Jew dak l-ordni kien null. Ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 338 (z) hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova (i) li nghata ordni minn qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet, bhalma sar f' dan il-kaz jew, kieku si tratta ta' ordni kontenut f' sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva) u (ii) li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni, kellha tithallas is-somma. Ikun jispetta, imbaghad, ghall-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-qorti kompetenti Jew li kienet saret rikonciljazzjoni. " (enfasi mizjud).

It-tieni aggravju - Il-klawsola ta' manteniment bija wahda li tiddependi fuq kundizzjoni.

Illi minn qari tal-kuntratt ta' separazzjoni relattiv jirrizulta illi l-manteniment jiskatta biss jekk l-appellant jibqa' moruz fil-hlas ta' tlitt pagamenti konsekuttivi ta' loan li hemm ma' bank lokali.

Illi ghalhekk sabiex tirrizulta l-konvvenzjoni in kwistjoni kellhom qabel xejn jigu inizzjati proceduri fil-Qorti tal-Familja sabiex jigi dikjarat illi l-klasola in kwistjoni dahlet fis-sehh.

Illi anke in pessima ipotesi jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni allura xorta wahda jrid jigi sottomess illi ma ngabitx l-aqwa prova illi l-loan ma thallasx. Kull ma gie prodott kien il-parte civile li xehedet illi l-appellant qatt ma hallas. L-aqwa prova fic-cirkostanzi kellha tkun se mar-rappresentant tal-bank relattiv.

It-tielet aggravju - Piena oltre dik specifikata mil-Ligi.

Illi l-appellant jissottometti li fic-cirkostanzi l-piena ta' xaharejn pringunerija effettiva kienet eccessiva. Jinghad bid-dovut rispett illi I-Ewwel Qorti skartat ghal kollox dak li rrizulta mill-provi ossia illi l-appellant ma hallasx b' semplici kapricc, izda ghaliex sab ruhu fl-impossibilita' li jhallas minhabba li tkecca ngustament mix-xoghol u ghamel perjodu twil dizokkupat. Irrizulta wkoll illi l-arretrati dovuti lill-parte civile jammontaw ghal eluf ta' Ewro li l-appellant ma jiflahx ihallas.

Illi dan irrizulta b' certezza waqt il-provi ghaliex anke gie prodott rappresentant tal-Freeport illi kkonferma li l-appellant kien ghamel tlitt snin imkecci mix-xoghol qabel ma giet ordnata r-reinstatement tieghu.

Illi in vista' ta' dawn il-fatti, umilment qed jigi sottomess illi l-ewwel Qorti ma kellhiex se mai timponi piena karcerarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi nhar is-26 ta' Mejju, 2014 xehdet il-**kwerelanti Sharon Spiteri** viva voce u esebiet il-kuntratt ta' separazzjoni minn mal-appellant odjern redatt quddiem in-Nutar Dottor Joseph Debono nhar it-30 ta' April, 2009, liema xhieda m'hix dattilografata.

Xehed ukoll **John Visanic** li pprezenta dokument. Ix-xhieda tieghu m'hix dattilografata. Minn esami ta' dan id-dokumenti mahrug mill Malta Freeport Terminals Ltd jidher li l-appellant kellu impieg regolari mit-3 ta' Lulju 2000 sas-7 ta' Jannar 2010 u rega gie re-instated wara decisjoni mit-tribunal Industrijali fid-19 ta' Dicembru 2012. Jirrizulta li f'Mejju 2009 sa 2014 kellu paga bazika ta' €18.999.62 oltre

allowances ghal-night shift, evening shift, day shift, Saturday allowance, Sunday allowance , transport allowance u production incentive.

**PS 1314 Raymond D'Ambrogio** xehed permezz ta' affidavit rilaxxjat nhar il-25 ta' April, 2014. Dan ix-xhud kkonferma li fl-20 ta' Ottubru, 2013 il-pulizija tal- Hamrun ircevew ilment minghand omm ta' tlett itfal li zewgha Stephen Spiteri naqas milli jghaddi l-manteniment ghax-xahar ta' Gunju 2012 sa Settembru 2013. Il-kwerelanti stqarret li skond il-kuntratt li ghandha l-appellant kellu ighaddilha is-somma ta' erba' mitt euro fix-xahar ghaliha u ghall-uliedha. Huwa kellem lill-appellant u dan spjega li matul ix-xahar ta' Marzu 2012 huwa kien hallasha is-somma ta' 'l fuq minn elfejn euro (€2,000) u l-ahhar manteniment li kien hallas kien tax-xahar ta' Mejju, 2012. Stqarr li beda rega jahdem u ghalhekk fil-futur qarib kien ser ikun jista ihallas il-manteniment dovut .

**WPS 224 S Mifsud** xehdet bl-affidavit mahluf nhar it-2 ta' Jannar, 2014 u stqarret li l-kwerelanti kienet ghamlet rapport nhar it-18 ta' Dicembru, 2013 u stqarret li zewghha l-appellant kien naqas li jghaddilha l-manteniment ta' tlett it-tfal minuri ghall-perijodu ta' Ottubru, 2013 u Novembru, 2013 u dan skond kuntratt redatt min Nutar Joseph Debono. Hija kelmet lill-appellant fis-26 ta' Dicembru, 2013 fejn dan kien stqarr li kien ghadda cekk fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) lil Dr Chris Grima sabiex jghaddihom lill-kwerelanti pero' stqarr li c-cekk kien ghadu ma giex imsarraf u lanqas ma gie ritornat lura lilu. Qal ukoll li kien wasal fi ftehim ma l-avukati taghhom li hu jghaddi is-somma ta' mitt euro (€100) extra kull xahar sabiex jaqta' l-arretrati li kellu maghha.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn gie registrat li fl-14 ta' Dicembru 2016 l-ammont dovut mill-appellant lill-kwerelanti kien ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) u li sa dak in nhar l-parte civile iddikjarat li kienet irceviet is-somma ta' tmien mija, hamsa u tletin euro (€835).

Illi nhar il-5 ta' Frar 2019 l-kwerelanti regghet xehdet quddiem din il-Qorti u kkonfermat li l-appellant huwa zewgha u li hija tinsab separata minnu permezz ta'

kutnratt bonarju. Stqarret li bejniethom ghandhom tlett itfal u li illum wahda minnhom biss ghadha ma tahdimx.

Mistoqsija mill-Qorti kemm irceviet flus minghand l-appellant mil-verbal tal-14 ta' Dicembru 2016 ' l-hawn tispejga is-segwenti:-

**Sena 2017**

Jannar irceviet €50
Marzu irceviet €130
April irceviet €150
Mejju irceviet €150
Gunju irceviet €150
Settembru irceviet €150
Ottubru irceviet €150
Novembru irceviet €150
Dicembru irceviet €150

Ghalhekk **total ta' € 1,120**

Spjegat ukoll fuq domanda tal-Qorti li ghas- sena 2018 irceviet is-segwenti:-

Irceviet is-somma ta' €150 kul xahar u ghalhekk irceviet is-somma ta' **€1,500.**

Konsegwentement jirrizulta u dan fuq ix-xhieda ta' l-istess kwerelanti li mill-verbal tal-14 ta' Dicembru 2014 sa l-ahhar ta' Dicembru 2018 irceviet is-somma ta' €2,620. Oltre dan jirrizulta li seduta stante l-appellant hallas ammont iehor ta' €566. Il-kwerelanti stqarret li minkejja li hija irceviet dawn l-ammonti xorta wahda l-appellant ghadu debitur taghha f'somma ohra verjuri, pero' tali ilment ma jifformax parti minn din il-kawza.

Din il-Qorti pero' m'ghandhiex il-kompetenza tidhol fi kwisjtoni familjari u tara kemm effettivament ghadu dovut u ghall-liema perijodu u dan ghaleix l-akkuza hija

wahda specifika u cioe' li l-appellant ma hallasx il-manteniment ghall-perijodu ta' bejn Gunju 2012 sa Novembru 2013. Issa min ndak li xehdet l-appellanti l-ammont li kien ghadu dovut sa Dicembru 2014 u ghalhekk wara l-perijodu indikat fic-citazzjoni l-appellant irregola ruhhu. Illi jekk illum hemm pendenzi ohra zgur ma jappartenux ghall-akkuza odjerna.

Il-Qorti semghet lill-appellant jixhed minn jeddu u jghid li huwa minnu li kien hemm zmien li ma hallasx manteniment lil martu u lil uliedu pero' kien disokkupat pero' minn meta deher il-Qorti f'Awwissu 2014 'l hawn dejjem hallas dak li kien miftiehem bejniethom ghalkemm gieli l-hlas sar tardiv. Stqarr li l-ammont isemmi fil-verbal illum kollu gie imhallas u mhux talli hekk izda li hlas zejjed ghaliex zewg uliedu kienu qed jahdmu full time meta hu kien qed jghaddilhom il-mateniment. Jghid ukoll li ilu ma jara lil bintu z-zghira ghall-perijodu ta' aktar minn ghaxar snin.

Konsegwentment din il-Qorti rat li l-appellant illum aderixxa ruhu mal-obbligi tieghu ghalkemm l-akkuza per se tirrizulta pprovata u ghalhekk fir-rigward tal-mertu, din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Dwar il-piena pero' din il-Qorti rat li l-appellant ghamel minn kollox sabiex ihallas lill-martu u jevadi milli jmur il-habs kif del resto stqarr hu stess.

Hija ħaġa tajba li l-appellant gharaf l-obbligi tieghu versu martu u uliedu tant li onora l-pgament dovut u fiċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ kif żviluppaw, din il-Qorti tara li piena ta' detenzjoni ma tiswa xejn lil ħadd, la lis-soċjeta' li sentenza restrittiva tal-liberta' għaliha dejjem okkażżjoni ta' swied il-qalb, la lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja, li ma għandha xejn x'tiggwadanja iżjed darba li l-ordni tal-Qorti ġiet issa esegwita, la jista' jkollha xi effett riformatur in kwantu li s-sitwazzjoni ta' bejn l-appellant u martu ġiet provisorjament riżolta, u ċertament anqas ma hi indikata bħala mezz ta' deterrent ġenerali peress li tali piena tista' sservi biss sabiex iġġarraf mill-ġdid ir-raguni li donnu llum nħolqot bejn l-appellant u martu u uliedu.

B'danakollu, l-Qorti ma hix bi ħsiebha tinkoraġixxi l-għemil tal-appellant billi min ikun fil-pożizzjoni tiegħu jaħseb li jkun jista' jinjora l-ordni tal-Qorti u jonqos mill-

obbligi tiegħu tal-ħlas ta' manteniment bl-isperanza li eventwalment il-vertenzi bejnu u martu jiġu riżolti bonarjament waqt li fil-frattemp martu u uliedu jibqgħu bla ħlas ta' manteniment.

Għalhekk, filwaqt li din il-Qorti ser tħassar il-piena ta' prigunerija imposta mill-ewwel Qorti sejra timponi piena pekunjarja bħala waħda l-aktar indikata għaċ-ċirkostanzi waqt li tieħu kont ukoll tal-fatt li kull nuqqas ta' pagament ta' rata ta' manteniment jikkostitwixxi reat separat u fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm mhux anqas minn hames nuqqas ta' pagament.

Għall-motivi premessi l-Qorti tilqa' l-appell tal-imputat appellant Stephen Spiteri billi tħassar is-sentenza appellata fejn kkundannat lill-istess appellant għal xaghrejn prigunerija u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda komplessiva fl-ammont ta' mitejn euro (€200) u tikkonfermha fil-bqija.

Il-Qorti tordna lill-imputat Stephen Spiteri jħallas l-ammenda imposta fuqu b'din is-sentenza ratealment bir-rata ta' erbghin euro (€40) fix-xahar, bl-ewwel rata pagabbli llum, b'dan li fin-nuqqas ta' pagament anki ta' rata mensili waħda l-ammont kollu li jkun għadu dovut isir pagabbli minnufih

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur